MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 432/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Compagno**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Compagno talli:

(1) nhar l-10 t'Ottubru 2011 minn gewwa 22, Triq Nelson, Bormla, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus fosthom *mobile phone* tad-ditta Nokia u flus f'denominazzjoni Ewro u Sterlina liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-persuna

u sar ghad-detriment ta’ Daniel Mercieca u/jew persuna/i ohra;

(2) nhar l-10 t’Ottubru 2011 u fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement b’kull mod li jkun, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom;

(3) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Daniel Mercieca skond kif iccertifika Dr. Mario Abela MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara f’bieb gewwa l-istess residenza u ghamara ohra fl-istess fond ghad-dannu ta’ Daniel Mercieca liema hsara hija ta’ aktar minn mija u u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,164.67);

(5) irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(6) kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 12 ta’ Mejju 2010 u moghtija mill-Magistrat Dr. E. Grima;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Joseph Compagno, sabitu hati skond l-akkuza kif korretta, ghajr ghat-tieni akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnha lliberatu u b’assorbiment ghall-fini ta’ piena tat-tielet (3) akkuza fl-akkuza ta’ serq aggravat bi vjolenza, u wara li rat l-artikoli 261, 262, 267, 268, 269, 277(a), 274(d), 221, 325, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, art. 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta,

ikkundannatu ghal sena prigunerija. Inoltre, ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti qieghdet lill-istess Joseph Compagno taht garanzija ta' mitejn u hamsin Euro (€250) b'obbligazzjoni li ma javvicinax, ma jkellimx u ma jimmolestax lill-kwerelant Daniel Mercieca ;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-1 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba (4) imputazzjonijiet, bit-tielet (3) imputazzjoni tkun assorbita fl-ewwel (1) wahda; tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-addebitu tar-recidiva u tal-ksur tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta; tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni, stante li hija alternattiva ghall-ewwel (1) wahda; u thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan l-appell ta' l-Avukat Generali huwa mill-piena peress illi qieghed isostni illi l-piena erogata hija ferm anqas mill-minimu stabbilit mil-ligi. Skond l-Avukat Generali ma kienu jezistu ebda ragunijiet specjali u straordinarji sabiex l-ewwel Qorti setghet tinzel taht il-minimu ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali josserva illi skond l-artikolu 274(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati ta' serq li jsir flimkien ma' offiza fuq il-persuna jehel **"jekk l-offiza tkun hafifa u ta' importanza zghira u mhux maghmula b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn <u>tmintax-il xahar sa tliet snin</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri skond dan l-artikolu l-piena minima f'tali cirkostanzi hija ta' tmintax-il xahar. L-artikolu 277(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mbaghad jipprovdi li meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skond l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat

b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra msemmijin fl-artikolu 261 (u fil-kaz odjern, minbarra l-kwalifika ta' "vjolenza", l-appellat gie akkuzat ukoll bil-kwalifiki tal-"valur", tal-"lok" u tal-"persuna"), l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel **"(a) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed minn dawk il-kwalifiki l-ohra, izda mhux dik tal-mezz, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A, illi <u>ma tinghatax fil-*minimum* taghha</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa, skond l-artikolu 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **"[m]eta l-ligi tiddisponi espressament li piena m'ghandhiex tinghata fil-*minimum*, il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*."** Fil-kaz odjern, terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* jigi sitt xhur, jigifieri anqas mill-*minimum* stabbilit mill-artikolu 274(d). Ghalhekk il-*minimum* applikabbli f'dan il-kaz huwa tmintax-il xahar skond l-imsemmi artikolu 274(d).

**6.** L-Avukat Generali josserva wkoll illi l-appellat nstab hati wkoll ta' hsara volontarja. Effettivament ir-raba' imputazzjoni tirreferi ghar-reat ta' hsara volontarja skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura l-piena hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Jigifieri mal-piena ta' tmintax-il xahar irid jizdied minn terz sa nofs tal-piena ghal dan ir-reat.

**7.** L-Avukat Generali jkompli jghid illi l-appellat gie addebitat bir-recidiva wkoll. Naturalment zieda minhabba r-recidiva hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

**8.** Fl-ahharnett l-Avukat Generali josserva illi l-ewwel Qorti kellha wkoll tiehu in konsiderazzjoni l-ksur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Mejju 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jirrizulta illi l-appellat kien tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin wara li kien ammetta u gie dikjarat hati talli:
(1) f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Novembru 2008 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu (5.00 a.m.) minn gewwa Swieqi, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Peugeot,

numru ta' registrazzjoni IBF-508, li tiswa aktar minn €2331, ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs u Simon Grima, liema serq huwa aggravat bil-'valur', bix-'xorta ta' haga misruqa', bil-'mezz' u bil-'persuna';

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe` vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni IBF-508 ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs u Simon Grima;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' *mobile phone* tal-marka Sharp li jiswa €70 u €40 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Michael Peter Sachs liema serq huwa aggravat 'bil-persuna';

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael Peter Sachs;

(5) irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**9.** L-ewwel Qorti kellha in effetti tittratta ma' l-appellat mill-gdid dwar il-ksur ta' l-ordni ta' *probation* maghmul permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Mejju 2010 bhallikieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat (art. 23(1)(a) tal-Kap. 446). Ghalhekk mal-piena ghar-reati li dwarhom gew inizjati l-proceduri odjerni, trid tizdied il-piena ghar-reati msemmija fil-paragrafu precedenti u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b)(f) sa fejn applikabbli. Issa, ghar-reati msemmija fil-paragrafu precedenti, il-piena ghall-ewwel imputazzjoni hi ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin (261(b)(c)(d)(g), 263, 267, 268(b), 271(g), u art. 279(b) b'referenza ghall-art. 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) filwaqt illi dik ghat-tielet imputazzjoni hi ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn (art. 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Kwantu ghall-piena dwar it-tieni imputazzjoni, din hi ta' prigunerija ghal mhux izjed minn

tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet (art. 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). F'dar-rigward ikollu jigi osservat illi mill-imputazzjoni nnifisha ma jirrizultax l-ammont ta' hsara. Imbaghad il-piena ghar-raba' imputazzjoni, stante li hawn ukoll ma tirrizultax in-natura ta' l-offiza hafifa, il-piena applikabbli ghandha tkun dik tal-kontravvenzjonijiet (art. 221(3)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

**10.** L-appellat jghid illi l-piena nflitta fuqu kienet b'rizultat ta' patteggjament bejn id-difensur tieghu u l-prosekutur. Anke jekk stess kien hemm xi diskussjoni dwar il-piena li kellha tigi nflitta, u seta' ntlahaq xi forma ta' ftehim, mill-atti ma jirrizultax li giet osservata l-procedura kontemplata fl-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali. Kwindi la l-ewwel Qorti ma setghet u lanqas din il-Qorti ma tista' tiehu konjizzjoni ta' xi ftehim li seta' ntlahaq bejn id-difensur u l-prosekutur, aktar u aktar meta l-piena nflitta hija hafna anqas mill-minimu possibbli.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghal sena prigunerija u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sebgha u ghoxrin xahar u ghall-hlas ta' ammenda ta' €87.35 li jekk ma tithallasx sa zmien gimgha millum tigi konvertita f'detenzjoni ghal perijodu ta' tmint ijiem. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------